MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 103/2009

**Roderick Galdes (ID 303375M)**
**vs**
**Mario Xuereb (ID 6777M), Louiselle Vassallo (ID 22572M)**
**u Kenneth Xuereb (ID 209175M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fis-17 ta' Marzu 2009 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara xandira illi saret fuq l-ahbarjiet tan-NET Television fis 7.45pm tas-6 ta' Marzu 2009 bhala malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk il-Qorti kellha tikkundanna lill-intimati ihallsuh is-somma ta' mhux aktar mill hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro (€11,646) rizultat tal-fatt illi dan irrapportat kien malafamanti u intiz biex itellef jew inaqqas mir-reputazzjoni tieghu.

Rat ir-risposta tal-intimati li, flimkien ma' eccezzjonijiet preliminari dwar min ghamel il-pubblikazzjoni, laqa' ghal

dak lilhom attribwit billi sahqu li x-xandira ma kienetx libelluza peress illi tikkonsisti fi 'fair comment' dwar fatti sostanzjalment korrettu u ta' interess pubbliku li huwa protetti kemm mill-Kostitutzzjoni u kemm mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat ix-xhieda ta' **Roderick Galdes** moghtija fit 2 ta' Marzu 2010.

Rat ix-xhieda ta' Roderick Galdes moghtija fit 2 ta' Gunju 2010 u d-dokumentazzjoni minnu esebita, fosthom il-korrispondenza skambjata bejn ir-rikorrenti u wiehed mill-intimati li kien qieghed jirrapporta l-istorja, Kenneth Xuereb, kif ukoll korrispondenza minghuta mill-Kunsill Lokali ta' Hal Balzan lill-MEPA u il-minuti tal-laqgha tal-Board tal-MEPA illi saret fil 5 ta' Marzu 2009 u li fiha ttiehed il-vot dwar zvilupp illi dwaru kienet l-istorja rrapportata.

Rat ix-xhieda ta' **Maria Zammit**, moghtija fil 15 ta' Frar 2011, li hija s-Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill Lokali ta' Hal Balzan, u dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat ix-xhieda tal-Perit **Silvio Farrugia**, moghtija fil 15 ta' Frar 2011, illi huwa Assistent Direttur fid-Development Control Services tal-MEPA, illi xehed dwar l-applikazzjoni 8207/05 li dwarha eventwalment giet ippubblikata l-istorja li dwarha qieghed jilmenta r-rikorrent, flimkien ma dokumentazzjoni minnu esebiti.

Rat ix-xhieda tal-Perit **Marianne Camilleri**, moghtija fil 15 ta' Frar 2011, membru tad-Direttorat tal-Ippjanar fi hdan il-MEPA li kienet l-ufficjal li ipprocessat il-kaz tal-applikazzjoni 8207/05 u li, finalment, irrakkomanda illi l-applikazzjoni tigi rifjutat.

Rat ix-xhieda ta' **Gaetano Degabriele**, rappresentant tar-Registratur ta' l-Istampa u ta' **Dr Simon Manicolo**, segretarju tal-Bord tal-Awtorita tax-xandir, illi inghataw fil 15 ta' Frar 2011.

Rat in-nota bit-traskrizzjoni tax-xandira meritu tal-kawza odjerna illi giet ippresentata mir-rikorrent flimkien ma' DVD ta' l-istess xandira.

Rat ix-xandira meritu tal-kawza odjerna.

Rat illi fl-14 ta' Gunju 2011 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi permezz ta' verbal maghmul fl 24 ta' Ottubru 2011, l-intimati qablu li Mario Xuereb huwa l-Head of News ta' NET Television, filwaqt illi Louiselle Vassallo hija l-editur tal-istazzjoni televisiv NET TV.

Semghet ix-xhieda ta' **Mario Xuereb** mogthija fit 13 ta' Frar 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **David Cassar**, segretarju tal-Bord tal-MEPA, moghtija fil 25 ta' Frar 2013 u d-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Rat illi fit-3 ta' Mejju 2013 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri illi saret fit 3 ta' Gunju 2013 wara liema data il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi r-rikorrent, li huwa membru tal-parlament elett taht il-kappa tal-Partit Laburista, kien membru fuq il-Bord tal-MEPA innominat mill-Partit Laburista, u kellu tali kariga minn Awissu tas-sena 2008.

Illi jirrizulta li, fil-5 ta' Marzu 2009, il-Bord tal-MEPA iddiskuta u vvota dwar applikazzjoni Nru 8207/05 illi kien jirrigwarda zvilupp li kien qieghed jigi propost gewwa l-qalba ta' Hal Balzan fejn zewgt id-djar u gnien adjacenti kienu ser jigu riabilitati u zviluppati fi 43 dar residenzjali u

garages taht l-art. Dakinhar, il-Bord, wara illi sema ir-rappresentazzjonijet tad-Direttorat tal-Ippjanar kif ukoll ta' rappresentanti tal-izviluppatur u ta' membri ohra tal-pubbliku, ghadda biex jirrifjuta tali applikazzjoni, u dana b'hames voti kontra u vot wiehed favur, liema vot kien dak tar-rikorrent Roderick Galdes.

Illi sussegwentement, fin-news irrapportat minn NET TV l-ghada, 6 ta' Marzu 2009 fis-19.45, intqal illi "*Il-kelliem Laburista ghall-Ippjanar u rappresentant tal-Partit LAburista fuq il-Bord ta' l-Ippjanar, Roderick Galdes, ivvota favur progett li kien se jibni 40 appartament flok dar antika hafna li kienet ir-residenza fil-kampanja tal-Granmastru de Rohan.*" Ix-xandira tkompli tghid illi "*Ikkuntattjat minn dan l-istazjoni il-gimgha filghodu, Roderick Galdes qalilna biex nibghatulu l-mistoqsijiet b'email kif fit fatt gahmilna izda Galdes baqa' ma wegibx.*".

Illi di fatti jidher illi Kenneth Xuereb, wiehed mill-intimati, baghat id-domandi bil-miktub kif mitlub fl-10.24 tas-6 ta' Marzu 2009 u ir-rikorrent irrisponda ghal tali email permezz ta' korrispondenza mibghuta fis 17.48 u mibghuta ghal darba ohra fit 20.09, dejjem tas-6 ta' Marzu 2009.

Illi sussegwentement, filwaqt illi jidher illi t-twegiba tar-rikorrent giet irrapportata fiq il-web portal tal-intimati 'maltarightnow.com' l-ghada 7 ta' Marzu 2013, ir-rikorrent intavola l-proceduri odjerni fis 17 ta' Marzu 2009.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' tali fatti, il-Qorti, fl-evalwar tal-kawza, ghandha tikkonsidra is-segwenti fatturi: jekk tali ahbar kienet ta' interess pubbliku; jekk ir-rapportagg kien attwalment 'fair comment' jew le; jekk ir-rikorrent kien korrett li jikkonsidra tali xandiar bhala wahda libelluza u malafamanti fil-konfront tieghu.

***L-interess pubbliku***

Illi l-applikazzjoni illi kienet qieghda tigi kkunsidrata mill-Bord tal-MEPA, Applikazzjoni nru 8207/2005, kienet tirrigwarda zvilupp konsiderevoli illi kien propost li jsir gewwa Triq il-Kbira, Hal Balzan, fil vicinanzi tal-Knisja Parrokkjali, fejn zewgt id-djar ta' certa eta kif ukoll gnien kbir adjacenti ta' madwar erbgha tomniet u nofs kienu ser jigu zviluppat f'kumpless ta' 43 residenza u 121 garage.

Illi, skond rappresentanzzjonijiet maghmula mill-ghaqda Din l-Art Helwa, il-propjeta li kienet ser tigi ri-zviluppata kienet attwalment dar li kellha aktar minn tlett mitt sena u li r-residenti ta' Hal Balzan lkoll jafuha bhala dar tal-Granmastru De Rohan li kien juzaha bhala ir-residenza tal-kampanja tieghu. Ghalhekk, Din L-Art Helwa kienet qieghda toggezzjona ghal tali zvilupp, anke in vista tal-fatt li l-izvilupp kien qieghed isir ftit metri il-boghod mill-village core ta' Hal Balzan

Illi, skond rappresentazzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta' Hal Balzan, minn naha l-ohra, l-izvilupp kien ser ikollu impatt konsiderevoli fuq it-traffiku u l-parkegg fejn tali problema kienet gia esistenti. Apparti minn hekk, fil-gonna kien hemm 'Barumbara' kif ukoll hafna sigar antiki illi kellhom jigu protetti. Madanakollu, il-Kunsill Lokali kien dispost li jilqa favorevolment l-izvilupp f'kaz illi l-gonna u l-barumabra kienu ser ikunu protetti u jsir *Traffic Impact Assessment* in konsultazzjoni maghha.

Illi, tenut kont ta' tali fatti, u tal-izvilupp konsiderevoli li kien qieghed jigi propost fl-applikazzjoni, kif ukoll tal-valur storiku tal-binja li taghha kien ser isir l-izvilupp, huwa pprovat oltre kull dubju li l-istorja relatata ma' tali applikazzjoni kienet ta' interess pubbliku u l-intimati kellhom kull dritt, jekk mhux obbligu, illi jirrapportawha u jirraportawha sew.

***'Fair Comment'***

Illi, tul il-provi kollha prodotti, jirrizulta illi d-Direttorat tal-Ippjanar dahal fid-dettall sew ta' tali applikazzjoni u ottjena

il-kummenti kemm ta' min applika kif ukoll ta' min kien qieghed jaghmel l-oggezzjonijiet ghal tali progett.

Jirrizulta illi l-kwistjoni ittiehdet quddiem id-Development Control Commission diversi drabi, fejn kull darba id-DCC tissuggerixxi illi jsiru tibdiliet u emendi sabiex l-oggezzjonijiet maghmulha jigu kkonsidrati favorevolment. Saru anke konsultazzjonijiet mal-Heritage Advisory Committee illi kienet iddikjarat li kienet kontra illi tali zvilupp isir.Kien ghalhekk illi d-Direttorat tal-Ippjanar kien qieghed jipproponi illi tali progett jigi rifjutat.

Madanakollu, id-DCC xorta kien qieghed jikkonsidra favorevolment dana il-progett illi kien qieghed jigi oggezzjonat minn kullhadd, inkluz il-Heritage Advisory Committee u id-Direttorat tal-Ippjanar.

L-applikazzjoni eventwalment ittelghet quddiem il-Bord tal-MEPA fil-5 ta' Marzu 2009 sabiex tigi deciza finalment mill-Bord. Dakinhar, kif jidher fil-minuti esebiti waqt il-proceduri tal-kawza, saru rappresentazzjonjiet da parte tad-Direttorat tal-Ippjanar fejn sahqu illi, ghalkemm saru emendi lill-pjanti originali, xorta wahda huma kienu qed joggezzjonaw ghal hrug tal-permessi mehtiega. Huma ddeskrivew l-izvilupp kif gej:-

*"This is a full development application seeking planning consent for the construction of 43 dwelling units; restoration and alterations to the existing houses at nos 59 and 60 in Triq il-Kbira and demolition of part of the existing building considered to have considerable architecural value"*

Saru ukoll interventi minn diversi membri tal-Bord stess, li isimhom izda ma huwiex identifikat fil-minuti, kif ukoll minn rappresentanti tal-izviluppatur u persuni ohra li kellhom interess jattendu.

Wara illi saret tali rappresentanzzjoni, ittiehed vot u l-applikazzjoni ma ghaddietx, b'hames voti kontra u vot favur. Ghalkemm fil-minuti ma hemmx indikat min kien il-persuna li vvota favur, irrizulta anke mill-provi prodotti mill-

istess rikorrenti, illi kien ir-rikorrent Roderick Galdes illi vvota favur.

Illi, in vista ta' tali fatti, wiehed irid jara jekk dak fuq deskritt gie rifless fix-xandira li dwarha qieghed jilmenta r-rikorrenti.

Tali xandira tibda billi tidentifika lill Roderick Galdes bhala l-kelliem laburista ghall-Ippjanar u r-rappresentant tal-Partit Laburista fuq il-Bord tal-MEPA - dawna t-tnejn gew ikkonfermati mir-rikorrent stess, u ghalhekk huma fatti korretti.

Ix-xandira tkompli tghid illi r-rikorrent ivvota favur illi "*propjeta antika hafna b'valur storiku f'Hal Balzan titwaqqa u flokha jitilghu 40 appartament*" - tali fatt jidher indisputat ukoll peress illi d-Direttorat tal-Ippjanar u l-Heritage Advisory Committee kif ukoll Din L-Art Helwa lkoll indikaw li kienet ser ssir demolizzjoni u zvilupp ta' dar antika ta' tlett mitt sena illi kienet maghrufa bhala r-residenza tal-kampanja tal-Granmastru de Rohan. Illi semmai, ix-xandira ma kienetx daqstant korretta peress illi naqqset li tghid li l-izzvilupp kien anke jinkludi 121 spazju ta' parkegg fil-kumpless li kien ser jinbbena!

Fl-ahhar nett, ix-xandira tghid illi huwa ghamlu domandi lir-rikorrenti u dana talabhom li jaghmilhom bil-mitkub, liema risposti ma' kienux waslu. Jirrizulta ippruvat illi kien minnu li intbghatulu domandi bil-miktub u jidher ukoll illi l-email da' parte tar-rikorrent intbghatet lura hames sieghat wara illi dina intbghatet u saghtejn qabel ma saret ix-xandira. Certament, filwaqt illi ma huwiex minnu li r-rikorrent ma kienx irrisponda ghad-domandi sa' meta saret ix-xandira, il-fatt li ntqal hekk, minnha nniffisha, ma tistax titqies bhala malafamanti.

Illi, apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi r-rikorrent, fir-risposta tieghu, annetta estratt mir-rapport tad-Direttorat tal-Ippjanar fejn issir referenza ghal konsiderazzjoni favorevoli tad-DCC, izda ghal xi raguni mhux maghrufa jonqos milli jinkludi ukoll dik il-parti tar-rapport fejn jintqal illi d-Direttorat tal-Ippjanar, kif ukoll il-

Heritage Advisory Commitee kienet qieghda tipproponi li tali applikazzjoni tigi rifjutata.

Illi ghalhekk, tenut kont ta' tali fatti kif deskritti, certament ix-xandira kif saret kienet 'fair comment' ta' dak kollu illi kien sar.

***Il-posizzjoni tar-rikorrent***

Ir-rikorrent, fil-kaz odjern, kien liebes zewgt ikpiepel, ossija dik ta' Membru tal-Parliament, u dik ta' Membru tal-Bord tal-Ippjanar.

Bhalma il-Qrati, kemm lokali kif ukoll Ewropew, sahqu diversi drabi, il-kritika, jekk hija wahda kostruttiva, hija dejjem accettabbli f'socjeta demokratika, dejjem f'parametri accettabbli. Imbghad, meta tali kritika issir lejn persuna illi l-poplu elegga sabiex jirrappresentaha, tali parametri ta' x'inhuwa malafamanti fil-konfront taghhom jitwessgha aktar minn dik ta' persuna privata.

Apparti minn hekk, il-Qorti tinnota wkoll illi r-rikorrent kien membru fuq Bord illi ghandu importanza nazzjonali, peress illi huwa bord li jirregola l-izvilupp f'Malta, u ghalhekk, bhala membru tal-Bord, anke kieku r-rikorrent ma kienx membru tal-parliament, il-fatt li huwa kien fuq istituzzjoni govermentattiva minha innifisha kienet tesponih ghal livel ta' kritika oghla minn dik ta' persuna normali, u dana in vista kemm tan-natura pubblika ta' tali kariga kif ukoll in vista tal-importanza tad-decizjonijiet li jittiehdu, liema decizjonijet jistghu ikollhom effett fuq komunita shiha, bhalma kien fil-kaz odjern ghal kommunita' ta' Hal Balzan.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent, kemm bhala Membru tal-Parliament kif ukoll bhala membru tal-Bord tal-MEPA kien soggett ghal livell ta' kritika ferm oghla min normal.

**Ikkonsidrat**

Illi tenut kont tal-fatti kollha kif fuq esposti, il-Qorti ma tarax illi l-informazzjoni kif imxandra fl-ahbarjiet tan-NET TV fis 6 ta' Marzu 2009 setghu b'xi mod jitqiesu bhala malafamanti fil-konfront tar-rikorrent, peress illi dak minnhom rapportat kien '*fair comment*' dwar dak li attwalment kien gara fil-kwistjoni relatata mal-applikazzjoni 8207/05 relatata dwar zvilupp illi kien propost li jsir gewwa il-qalba ta' Hal Balzan u il-mod kif eventwalment ittiehet il-vot mir-rikorrent.

**Konkluzjoni**

In vista tal-konsiderazzjonijiet kollha kif fuq indikati u l-fatti kollha migbura u ppresentati lill dina l-Qorti

Il-Qorti qieghda tilqa l-eccezzjonijiet tal-intimati li x-xandira kienet tikkonsisti fi 'fair comment' u ghalhekk qieghda

**Tichad** it-talba attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------